QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 376/2021**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Enrico Camilleri**

**Illum 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Enrico Camilleri detenur** tal-karta tal-identita Maltija **544165M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2012 u x-xhur ta' qabel: -

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura droga kokajina specifikata fl- ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/I jew ghall-persuna/I minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma' kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma' kien fil-pussess tal-awtorizazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura

l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar- Regoli ta' 1-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi kif susegwentement emendati bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina bi ksur tal-Kap 101 tal-Ligijijiet ta' Malta liema droga kokajina nstabet ftali kirkostanzi li juru li ma' kienitx ghall-uzu esklussiv tieghi [pussess aggravat].

3. Biegh jew xorta ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8[b] tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ikkometta l-imsemmija reati fi jew gewwa distanza ta' mitt [100] metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22[2] tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Settembru 2021, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, I-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fejn sabet lill-imputat Enrico Camilleri mhux hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnhom, fil-waqt illi sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatu ghall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' elf ewro (€1,000).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u tmenin ewro u hamsin ċenteżmu (€186.50), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JF1, hekk kif dik is-sentenza tgħaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Enrico Camilleri**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Ottubru,2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Jirreferi ghas-sottomissjonijiet maghmula f'dana l-umli rikors tal-appell b'riserva ghall-sottomisjonijiet ulterjuri waqt it-trattazzjoni tal-appell u jirreferi ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet hawn fuq premessi fid-29 ta' Settembru 2021 u jitlob li l-istess tigi riformata billi tkun kkonfermata f'dawk l-akkuzi fejn l-esponenti gie lliberat minnhom u mhassra, annullata u revokata n kwantu ghat-tieni akkuza li dwarha l-esponenti nstab hati.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

1. Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-esponenti minn l-akkuzi kollha ddebitati kontra tieghu u sabitu hati tat-tieni akkuza ossia tal-pussess aggravat tad-droga kokajina. Illi l-esponenti fela fid-dettall il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex waslet biex issib htija ta' dina l-akkuza. Illi tajjeb jinghad mill-bidu nett li l-esponenti mhux jikkontesta li effettivament instabu fuqu mal-11 gramma ta' kokajina fil-lejl meta gie arrestat. Illi li qed jigi kkontestat huwa l-fatt li l-esponenti gie misjub hati tal- akkuza ta' pussess aggravat. Illi l-Ewwel Qorti tghid li skond hi l-ammont in kwistjoni ma' huwiex ammont zghir zghir u minkejja li l-esponenti kien jikkonsma hafna kokajina dak il-perjodu, zgur li l-ammont li nstab fuqu ma' kienx ser jikkonsmah fokkazzjoni wahdanija. Illi dan

il-fattur u nterpretazzjoni wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex temmen li dik id-droga kienet fil-pussess tal-esponenti bi hsieb ta' spacc ossia b'mod aggravat;

Illi l-esponenti jilhem il-preokkupazzjoni tal-Ewwel Qorti f'dana r-rigward, izda jikkontendi li l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett ma' ghamlitx analazi kompluta tal-kwadru ta' dak li rrizulta fil-lejl tad-29 ta' Jannar 2012 meta l-esponenti gie arrestat.

Ibda biex l-esponenti kien qieghed f'post li ghal pulizija kien mgharuf ghall-traffikar ta' droga. L-esponenti kien qieghed hemmek bhala klijent. Illi ghalhekk 1- probabilita hi, li l-esponenti kien hemm b'dak l-ammont ta' droga fuqu ghaliex kien ghadu kemm inqeda. Huwa fatt inkontestat fid-dinja tad-droga li persuni bhal ma' kienu l-esponenti li jkunu heavy users ma' jixtrux droga ezattament biex jinqdew f'darba wahda izda jixtru bizzejjed droga u izjed biex isostnu l-vizzju taghhom;

Illi prova li tikkorrabora dina l-linja ta' hsieb hija l-ammont ta' flus li nstabu fuq l-esponenti. L-esponenti dakinhar instabu fuqu mitt euro biss u ghalhekk huwa bid-dovut rispett inkoncepibbli li persuna li tkun involuta fl-ispace tad-droga ikollha ammont relattivament hekk zghir ta' flus. Tant huwa minnu dak li qed jinghad u jigi espost f'dana l-umli rikors tal-appell li apparti d-droga, ma' nstab xejn u xejn izjed konness ma' droga fuq l-appellanti u jew is-searches susegwenti li sarulu,

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-umli rikors tal-appell l-esponenti fi hsiebu jirreferi ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fejn b'mod kostanti gie ritenut li l-ammont ta' droga wahdu mhux bilfors ikun konducenti li minn irid jiggudika jinferixxi li dik id-droga kienet ghand dak li jkun bil-hsieb li jkun hemm spacc [pussess aggravat];

Illi l-esponenti llum il-gurnata ghandu 56 sena u gie ppruvat li huwa dak iz-zmien kellu problema akuta ta' konsum ta' kokajina. Illi sfortunatament l-ammont ta' hdax [11] il-gramma ma' kienx wiehed sostanzjali ghall-mod kif kien juza d-droga 1-esponenti u ammont bhal dak huwa kien jikkonsmah f'qasir zmien, certament zmien li anqas fizikament ma' jhallieh jikkontendi li huwa dik id-droga jittraffikha. Illi llum il-gurnata l-esponenti huwa nannu ta' neputijiet tat-tfal tieghu u involut fgestjoni ta'

negozju li jmur ferm u ferm lil hinn mid-dinja oskura li kien jghix fiha f'dawk iz-zmienijiet. Illi dina r-realta certament li kien imissha kkonducjiet lill- Ewwel Qorti biex tesplora l-possibilitajiet kollha ta' x'seta sehh f'dak il-lejl u mhux li bid-dovut rispett taghti biss soluzjoni rigida fl-interpretazzjoni li ghaliex instabet dik id-droga fuqu f'daqqa allura bilfors kien-ifisser li l-esponenti kellu jigi misjub hati ta' pussess aggravat ta' droga. Illi l-esponenti jirritjeni li d-droga li kellu fuqu kienet ghalih u li huwa kellu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici ta' droga;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti tal-kawza.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi *in primis* l-appellant jsitqarr li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u dan ghaliex sabitu hati tar-reat ta' pusess aggravat tad-droga Kokaina kif kontemplat fit-tieni akkuza meta huwa jsostni li din id-droga u cioe l-ammont ta'cirka hdax-il gramma li instabet fuqu fil-lejl tat-28 ta' Jannar 2012 meta kien gie arrestat kienet ghalih personali ghaliex kien mahkum fil-vizzju b'mod qawwi.

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tezamina fid-dettal il-provi imressqa quddiemha u dan sabiex tara jekk l-appellant ghandux ragun f'dak sottomess minnu fir-rikors tal-appell tieghu.

Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni

valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace'**[3]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4]" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> "*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7]", inghad illi :-

> "*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
[5] 1969] 1 QB 276
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 5 minn 13 Qrati tal-Gustizzja ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu *viva voce* kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

**Spettur Johann Fenech** xehed nhar l-4 ta' Gunju, 2013 u pprezenta l-allegata droga li instabet fil-pusess ta' Enrico Camilleri li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat. Din giet markata bhala Dok JF1.

Ix-xhud rega xehed nhar l-4 ta' Frar 2014 u spejga li fis-sena 2012 kien gie nfurmat li kien qed isir traffikar ta' droga minn gewwa l-Luqa Bocci Club ta' Hal Luqa u fil-fatt hemmhekk kien baghat lin-nies tieghu jaghmlu search nhar it-28 ta' Jannar 2012 sabiex josserva dan il-club u jaraw hux qed issir xi haga illegali. Qalilhom ukoll biex jaghmlu search kif fil-fatt sehh. Fil-club ma sabux droga pero sabu xi kantunieri tal-plastic fil-

kamra tat-toilet u mis-searches li ghamlu fuq xi nies li arrestaw instabet xi droga inkluz fuq il-persuna ta' Enrico Camilleri li gharaf presenti fl-awla. Fuq il-persuna ta' Enrico jghid li instabu tlett plastic bags b'xi trab abjad u kellu ukoll plastic bag akbar li ukoll kellu mill-istess trab abjad u kellu madwar mitt euro (€100) fi flus kontanti.

In kontro esami nhar is-6 ta' Novembru, 2015 jghid li ma jafx kemm kellhom iz-zmien nies ohra li kien hemm fil-club dakinhar tal-arrest tal-imputat.

**PS 635 Alan Calleja** xehed nhar l-4 ta' Gunju, 2013 u spjega kif nhar it-28 ta' Jannar, 2012 kellu istruzzjoni mill-Ispettur Johann Fenech fejn anke inghata kopja ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxija gewwa l-Bocci Club ta' Hal Luqa. Huwa mar hemmhekk flimkien ma' PC 213 u PC 323 u saret tfittxija fuq diversi persuni fosthom l-imputat illum appellant. Jghid li fil-but tal-qalziet tieghu sab erba pakketti li tlieta minnhom kien qishom bi blokka bajda u wiehed minnhom kien bi trab abjad. Il-pulizija gibdulu l-attenzjoni u gie moghti d-dritt li jikkonsulta mal-avukat u gie arrestat u mehud id-depot tal-pulizija ghal iktar investigazzjonijiet. Jghid li fit-toilet sabu diversi boroz u kantunieri vojta izda ma jafux minn hadhom hemm. Mistoqsi fejn kien Enrico meta dahlu fil-club jghid li kien vicin il-mejda tal-biliards. Jghid ukoll li meta sabu il-kantunieri vojta fit-toilet haseb li kien ta' xi persuna li kien ghadu kif konsma id-droga.

**PC 213 Nikolai Borg** xehed nhar l-4 ta' Gunju 2013 jikkonferma dak li qal PS 635 u dan ghaliex kien fil-presenza tieghu meta dahal fil-club tal-Bocci Hal Luqa. Huwa ukoll gharaf lill-imputat bhala Enrico Camilleri li fuqu ghamlu tfittxija u mill-but tieghu sabu borza imdaqsa b'sustanza suspettata droga u tlett boroz ohra zghar bl-istess sutanza bajda suspettata droga. Minn hemmhekk gie arrestat u mehud id-depot ghal iktar investigazzjoni. Muri d-dokument mmarkat bhala Dok JF1 u jghid li dik hi d-droga li nstabet fil-but tal-imputat dakinhar tat-tfittxija gewwa l-Club tal-Bocci. Mistoqsi jekk kienx hemm persuni ohra fil-club li kellhom xi sustanzi illeciti jghid li ma jiftkarx peress li kien ghadda z-zmien. Mistoqsi kemm kienu karozzi dakinhar jghid li kienu tnejn jew tlieta. Mistoqsi kemm kien hemm nies ohra arrestati jghid li ma jiftakarx.

**PC 323 Cedric Buhagiar** xehed nhar l-4 ta' Gunju, 2013 u kkonferma li nhar it-28 ta' Jannar 2012 kienu esegwew Mandat fuq il-Club tal-Bocci gewwa Hal Luqa fejn ghamlu tfittxija fuq diversi nies fosthom l-imputat Enrico Camilleri li gharaf prezenti fl-awla. Ikkonferma li fuq persuntu sabu pakkett li kkontjena trab abjad u tlett sachets li jikkontjenu trab abjad. Dan gie arrsetat minnufih u gie mehud id-depot tal-pulizija ghal itkar investigazzjoni. Mistqosi fejn nstabet id-droga jghid li kient fil-but ta-imputat. Muri d-dokument JF1 jghid li gharaf il-kitba tieghu fuq it-tag pero id-droga ma gharafhiex.

L-**Ispettur Godwin Sammut** xehed nhar id-19 ta' Novembru 2013 u kkonferma li kien gie nominat mill-Qorti nhar l-4 ta' Gunju 2013 biex jaghmel analizi fuq il-kontenut ta' envelope li kien gabar mill-Qorti nhar id-9 ta' Ottubru, 2013. Jghid li mill-analizi mizmuma minnu rrizulta li s-sustanza fl-envelope kienet droga Kokaina. Il-piz totali kien ta' 11.39 grammi u l-purita kienet ta' circa 13%. Ikkjarifika x-xhieda tieghu u qal li kien hemm tlett bicciet tal-plastic li kien fihom trab ta' lewn abjad li rrizulta pozittiv ghal Kokaina u kien hemm ukoll borza trasparenti li fiha trab kannella car li ukoll irrizulta li kienet pozittiv ghal Kokaina. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala Dok GS.

**PC 642 Joseph Camilleri** xehed nhar it-13 ta Frar 2015 u kkonferma li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u hija markata bhala Dok JF a fol 40 tal-atti tal-process. Jikkonferma li qabel ma gie mistoqsi d-domandi l-imputat kien inghata caution u gie moghti d-dritt li jkellem avukat.

Rat it-talba tad-difiza li saret nhar it-13 ta' Frar 2015 fejn talbet li l-imputat jitqieghed taht Ordni Temporanja ta' Supervizjoni ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 u l-Qorti kienet laqghet it-talba. Rat in-nota tas-senior Probation Officer Antonella Spagnol fejn informat lil Qorti li l-ufficcjal tal-Probabtion li gie nominat f'dan il-kaz kien Matthew Fleri Soler.

**Matthew Fleri Soler** xehed nhar l-1 ta' Gunju 2015 u kkonferma li kien ilu jsegwih sa mit-13 ta' Frar 2015 u qal li minn meta harget l-Ordni ta' Supervizjoni l-imputat dejjem attenda ghall-appuntamenti moghtija min naha tieghu. Barra minn hekk ittiehdu tlett kampjuni tal-awrina u kollha kienu negattivi ghal prezenza ta' droga. Qal li l-imputat kien qed jattendi ukoll ghal laqghat tal-Caritas u kien qed jattendi laqghat sabiex ikompli jirriabilita ruhu mill-vizzju ta' droga. Jidher li hemm certu stabbilita fil-hajja tieghu kemm fir-rigward relazzjonijiet kif ukoll fir-rigward impjieg. Mir-records tal-ETC illum Jobplus jidher li kien ilu mis-sena 1987 impjegat u jidher li ghandu business li sejjer tajjeb hafna. Ikkonferma li l-imputat kien qallu li kellu l-vizzju tad-droga Kokaina u li kien jiehu b'mod regolari. Ikkonferma ukol li kellu key worker li jisimha Stephanie Manfre.

In kontro-ezami nhar il-15 ta' Jannar 2018 u kkonferma li kien ra progress kbir fir-rigward Enrico Camilleri tant li dejjem attenda ghal laqghat mieghu u ma kienx ghadu jabbuza mid-droga. Qal li fil-fatt bhala rehab huwa jiddiskrivi dan il-kaz bhala wiehed ta' success story. Il-*urine tests* li hadlu mill-20 ta' Marzu 2015 sat-8 ta' Jannar 2018 dejjem taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

Rat in-nota tal-ufficjal tal-Probabtion Matthew Fleri Soler prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Novembru 2015 fejn ghal darb'ohra kkonferma li l-imputat dejjem attenda ghal laqghat ffissati minnu u dawk li ma attendiex ghalihom kien minhabba ragunijiet ta' xoghol. Minn disa' testijiet tal-awrina li saru minn Frar 2015 sa dakinhar li pprezenta r-rapport tieghu ma kienx hemm tracci ta' droga. Qal li l-imputat ghamel kuntatt kemm ma' psikjatra kif ukoll ma psikoterapista minkejja li ma baqghax jikkonsma d-droga u ma baqghax ibaghti minn hajja kaotika tal-passat. Camilleri fil-fatt kien iddeskriva dan il-perijodu tal-passat tieghu li dam madwar seba' snin meta kien jabbuza mid-droga u anke ssepara minn mal-mara tieghu.

Qal li l-imputat jahdem b'mod regolarizzat fejn minbarra n-negozju fil-qasam tad-detergents huwa ukoll Direttur ta' kumpanija tal-ghamara. Camilleri jgawdi support mill-familja tieghu u juri interess fit-trobbija ta' uliedu.

Il-pjan ta' Camilleri hu li jimxi mal-istruzzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation u jattendi ghall-appuntamenti b'mod regolari mal-professjonisti nvoluti fil-pjan ta' kura. Huwa

mistenni ukoll li jissottometti ruhu ghal testijiet tal-urina kul meta jkun mitlub. Sa dakinhar li xehed jghid li Camilleri kien qieghed jaghti prova pjuttost cara li hajtu kienet stabbli.

Rat ir-rapport tal-psikoterapista Daived Parnis fejn fil-konkluzoni tieghu stqarr li *'prison would be very difficult to deal with. It would derail all progress and cause a decline in Mr Camilleri's wellbeing and the financial security of his family. Prison will also mean that he would have a hard time keeping the job and all his family would suffer. In view of such it is humbly requested to help Mr Camilleri stay on his feet thus giving him a chance to stay into the world and contribute in a positive way to society.'*

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tat-30 ta' Jannar 2017 fejn kkonferma li l-imputat kien qed izomm kuntatt regolari mieghu u jattendi ghal laqghat kollha kemm mieghu kif ukoll mal-psikoterapista. Test tal-awrina li ttiehed nhar is-26 ta' Jannar 2017 irrizulta fin-negattiv ghad droga.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tat-3 ta' Mejju 2017 fejn kkonferma li l-imputat kien qed izomm kuntatt regolari mieghu u jattendi ghal laqghat kollha kemm mieghu kif ukoll mal-psikoterapista. Testijiet tal-awrina li ttiehdu nhar it-28 ta' Frar 2017 u l-25 ta' April 2017 irrizultaw fin-negattiv ghad- droga.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Joseph Spiteri** moghtija nahr it-3 ta' Mejju 2017 u kkonferma li kien ilu jaf lil Enrico Camilleri li gharaf prezenti fl-awla bhala pazjent tieghu taht il-kura tieghu ta' psikjatra. Kien ilu jarah ghal-numru ta' snin. Qal li fis-sena 2007 kien issepara minn mal-mara wara ghoxrin sena zwieg u din kienet trawmatika ghalih hafna. Wara dan iz-zmien beda jabbuza mid-droga Kokaina ghax beda jaghmilha ma certu nies li kienu jghamluhielu available. Fil-fatt meta kien dahal il-habs fis-sena 2009 minhabba glieda kien instab posittiv ghad-droga kokaina. Ghalhekk il-problema kienet ilha gejja minn dak iz-zmien zgur.  Qal li kompla jarah sahansitra anke fis-sena 2012 il-problema relatata mal-konsum tad-droga kienet ghadha hemm. Qal li beda itih

xi medicina li sabiex jikkontrollah u fil-fatt meta xehed qal li kien sejjer tajjeb hafna u kien jarah regolari fil-clinic tieghu. Tant li qal li kien issetilja kompletament.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tal-10 ta' Ottubru, 2017 fejn kkonferma li l-imputat kien qed izomm kuntatt regolari mieghu u jattendi ghal laqghat kollha kemm mieghu kif ukoll mal-psikoterapista. Testijiet tal-awrina li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghad droga.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tal-4 ta' Settembru 2018 fejn kkonferma li l-imputat kien qed izomm kuntatt regolari mieghu u jattendi ghal laqghat kollha kemm mieghu kif ukoll mal-psikoterapista. Testijiet tal-awrina li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghad droga.

Rat in-nota tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tat-22 ta Jannar 2020 fejn kkonferma li l-imputat kien qed izomm kuntatt regolari mieghu u jattendi ghal laqghat kollha kemm mieghu. L-erba' testijiet tal-awrina li ttiehdu irrizultaw fin-negattiv ghad droga u kien ghadu qed ighix hajja stabbli

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx izda irrilaxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, liema stqarrija tinsab esebtia fl-atti a fol. 40 mmarkata bhala Dok JF pero ghall-istess ragunijiet tal-ewwel Qorti din il-Qorti sejra tiskarta tali prova imressqa mill-prosekuzzjoni u dan ghaliex din ittiehdet fiz-zmien meta l-imptuat ma setghax ikollu l-avukat tieghu prezenti waqt l-investigazzjoni u ghalhekk fil-mument meta rrilaxja din l-istess stqarrija. Ser jigi skartat ukoll dak li l-imputat seta qal lill-ufficcjal investigattiv Johann Fenech waqt l-investigazzjoni tieghu u dan ghall-istess raguni appena imsemmija.

**<u>Ikkunsidrat</u>.**

L-appell huwa bbażat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante li kien hemm diversi punti li l-Ewwel Qorti għażlet li tinjorahom jew ma temminhomx jew tassumihom mingħajr ebda prova. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq l-ammont ta' droga Kokaina li nstabet fil-but tal-appellant u filwaqt li skont l-appellant il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-

grad rikjest mill-liġi l-pussess sempliċi tad-droga Kokaina, pero' naqset illi ġġib provi konklussivi li l-istess pussess ma kienx għall-użu esklussiv. Jissottometti li r-raġunijiet kwotati mill-Ewwel Qorti ma jikkostitwux raġuni konklussiva għall-fini tal-istess imputazzjoni, u dan stante li ma nġabet ebda prova oħra mill-Prosekuzzjoni li tindika ekwivokament li dik id-droga li nstabet, fiċ-ċirkostanzi li nsabet fihom, kienet ser tiġi spaċċata.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tqis il-provi li rrizultaw independentment minn dak li seta' qal l-imputat waqt l-istqarrija li rrilaxja kif ukoll lill-pulizija waqt l-investigazzjoni. Jirrizulta u mhux ikkontestat li fuq il-persuna tal-imputat Enrico Camilleri nhar it-28 ta' Jannar 2012 waqt li kien fil-club tal-Bocci ta' Hal Luqa instabet id-droga Kokaina fil-but tieghu li kienet fi tlett boroz zghar u borza ohra imdaqqsa. Irrizulta skond ir-rapport tal-espert Dr Godwin Sammut li s-sustanza ta' lewn abjad li nstabet hija Kokaina, droga ikkontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kaptiolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fl-ammont ta' 11.39 grammi u l-purita kienet ta' circa 33%.

Illi l-ewwel Qorti sabitu hati biss tar-reat ta' pussess aggravat tad-droga Kokaina u ghalhekk hija biss din l-akkuza li din il-Qorti trid tindirizza. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk mill-fatti suesposti din il-Qorti hiex sodisfatta li l-appellant ghandux jinstab hati tar reat ta' pussess aggravat jew addirittura tar-reat kompriz ta' pussess semplici cioe pusess li kien intiz ghall-uzu personali tieghu.

Din il-Qorti għalhekk ser tibda billi tagħmel analiżi tal-provvedimenti tal-liġi f'dak li jirrigwarda l-pussess aggravat biex tevalwa dak li l-prosekuzzjoni jeħtieġ li tipprova sabiex tirnexxi l-imputazzjoni ta' droga li nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tal-appellant. In segwitu ta' dan ser tagħmel referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali u tevalwa jekk fuq il-provi prodotti, setgħetx l-Ewwel Qorti legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

L-**artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101** tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> '*meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-*

*dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta'pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, **taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati**, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew(1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87);* (Emfażi miżjuda)

Filwaqt li t-test Ingliż tal-istess subartikolu jaqra:

'*where the offence is one under article 4 or under article 8(c) or consists in selling or dealing in a drug contrary to the provisions of this Ordinance or in an offence under subarticle (1)(f), or of the offence of possession of a drug, contrary to the provisions of this Ordinance, **under such circumstances that the court is satisfied that such possession was not for the exclusive use of the offender**, or of the offences mentioned in subarticles (1C) or (1D) or (1E), to imprisonment for a term of not less than six months but not exceeding ten years and to a fine (multa) of not less than four hundred and sixty- five euro and eighty-seven cents (465.87) but not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (11,646.87)*' (Emfażi miżjuda).

Il-**Misuse of Drugs Act, 1971 tar-Renju Unit** fl-artikolu 5(3) tiprovvdi li:

'*Subject to section 28 of this Act, it is an offence for a person to have a controlled drug in his possession, whether lawfully or not**, with intent to supply it to another** in contravention of section 4(1) of this Act.*' (Emfażi miżjuda)

Għalhekk mis-suespost jirriżulta li hemm distinzjoni bejn dik li tiprovdi l-Liġi Maltija u dik tar-Renju Unit. Il-Qorti għalhekk issa ser tagħmel referenza għat-tgħallim ġurisprudenzjali rigwardanti ċ-ċirkustanzi li l-Qrati qisu li jiddeterminaw jekk ikunx hemm pussess sempliċi jew pussess mhux għall-użu esklussiv.

Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg Vs Lawrence Fabri'</u>**[8]:

> *'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq* ***"possession with intent to supply"****, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il- pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l- ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*
>
> ***"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill- Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna***

[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

***jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il- pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d- droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall- uzu esklussiv taghha[9]"***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is*

[9] Deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru, 1999 (In-nota ta' qiegħ il-paġna enumerata tlieta (3) tas-sentenza ċitata taqra '02/09/1999')

*not consistent with normal domestic use).*

- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.[10]"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita' jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista' issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit

[10] In-noti ta' qiegħ il-paġna numerati erbgħa (4) fis-sentenza ċitata tiċċita 'www.cps.gov.uk'

fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l- Qorti trid tigi gwidata b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali meta tezamina c-cirkostanzi tal-kaz u tara jekk tistax fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess tal-appellanti kienet tali li tindika li din ma kienitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Jonathan Mifsud'**[11] ġie kkunsidrat li:

> *'Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis- sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Mohammed Ben Hassen Trabelsi*** *tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat o meno ghandha tigi ezaminata:*
>
> ***"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l- prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."***
>
> *F'dan il-kaz irrizulta li l-appellant dahal it-Tattingers disco, ir-Rabat, u hemm instabu fuqu mill-Pulizija 38 pillola ecstasy. Certament dan l-ammont mhuwiex ammont li wiehed jikkonsma wahdu f'lejl wiehed ta' divertiment. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi b'hekk biss l-ewwel imputazzjoni hi assodata. Aktar minn hekk, il- prosekuzzjoni esebiet bhala Dok. NC2 l-istqarrija ta' l- appellant. Huwa minnu li din ma gietx iffirmata pero` m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li hija l-istqarrija li huwa ghamel lill-Pulizija. Difatti fir-rikors ta' appell tieghu jghid biss li ma ffirmax ghax "ma kienx konvint mill- kontenut taghha". Pero` meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, l-unika spjegazzjoni li ta bhala raguni*

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali Numru. 173/2010)

*ghalfejn qal "jekk jinqala' xi hadd jiena kont sejjer inbiegh minnhom" kienet li kien imbezza'. Wara li l-ewwel Qorti fakkritu li kien bil-gurament u jrid jghid il-verita`, il-linja ta' mistoqsijiet mid-difensur tieghu hadet linja ohra, u cioe` dwar il- kondizzjoni prezenti tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti l- ispjegazzjoni li l-appellant ta ma xxejjen bl-ebda mod il- kontenut ta' l-istqarrija, ossia ta' dik id-dikjarazzjoni li huwa ghamel fiha dwar x'kien se jaghmel bil-pilloli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. N. Grixti) Vs Emmanuele Magro'**[12] ġie kkunsidrat:

*'Illi dwar l-aggravju fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal- akkuza ta' pussess 'aggravat' tal-eroina, l-Ewwel Qorti ukoll ghamlet analasi akkurata tal-provi w c-cirkostanzi tal- kaz. U, wara li qieset il-gurisprudenza relattiva, kkonkludiet li kien hemm bizzejjed provi biex iwassluha ghall-konvinciment morali li l-appellant kien hati ta' din l- akkuza. Fost dawn ic-cirkostanzi, l-Ewwel Qorti semmiet il-kwantita' tal-eroina misjuba w il-fatt li kienet ippakkettata bil-lest f' disgha w ghoxrin (29) sachet, meta, kieku kienet ghall-uzu tal-appellant, ma kienx ikollu ghalfejjn joqghod jippakketta go sachets daqshekk droga minn qabel.*

*Is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli difensur fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju ma jwasslux lil din il-Qorti biex tissostitwixxi id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.'*

Sentenza oħra li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi li juru li pussess ma jkunx għall-użu esklussiv hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina) vs Brian Caruana'**[13] fejn ġie kkunsidrat li:

*'Dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall-uzu personali tal-appellant, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal- ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" u fuq dan l-apprezzament ta' fatt din*

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Frar, 2008 (Appell Kriminali numru: 325/2007)
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Mejju, 2002 (Appell numru: 167/2001 JGD)

*il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba il-gudizzju tal-ewwel Qorti.*

*Illi fattur kurjuz u ta' certa rilevanza umbaghad johrog mill-istess stqarrija tal-appellant fejn jghid li gieli marru nies ghandu sabiex jitolbuh id-droga, izda skond hu qatt ma kien ta ll hadd. Kieku kien veru li hu sab id-droga in kwistjoni b'xi wahda miz-zewg modi solitarji u b'kumbinazzjoni li jghid li sabha u kien biss kulltant jaghmel uzu minnha wahdu, wiehed legittimament jistaqsi: kif griet il-kelma u kienu sahansitra jmorru in-nies ghand l-appellant u jitolbuh id-droga? Minn dan il-fatt ammess mill-istess appellant jidher li hu kien maghruf fic-cerkji tad-droga bhala wiehed li ghandu il-mezzi kif jista' jissodisfa il-bzonn ta' persuni ohrajn ghall-istess droga u din hija indikazzjoni ohra li setghet legittimament u logikament twassal lill-ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni minnha raggunta.*

*Indikazzjoni cirkostanzjali ohra hija l-mizien elevat mir-residenza tal-appellant. Wiehed jistaqsi: jekk hu minnu li l-appellant kull ma kien jaghmel bid-droga li suppost sab, kien li jpejjep xi wiehed kulltant, xi bzonn kellu li jkollu mizien jekk mhux biex ikejjel u jqis il-piz ta' partiti tad-droga li kien ser jghaddi jew li kien jghaddi lil terzi? Biex irembel cigarrett ghalih wahdu, ma kellux bzonn mizien, ghax anki jekk irembel ftit inqas jew ftit aktar minn daqshekk droga li kellu, ma kien ser jigri xejn. Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-appellant kien juza id-drpga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha ghall-lest go kaxxi ta' sulfarini, b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra?*

*Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu, ghandhu indubbjament il-portata tieghu, izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal- provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon*

*sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) Vs Stephen Abela</u>'**[14] ikkunsidrat li *'l-Ewwel Qorti kellha kull dritt timferixxi li mill-kumpless tac-cirkostanzi l-fatt li l- appellant mar go kazin fejn ikun hemm iz-zghazagh bi kwantita' mhux insinifikanti ta' droga eroina li zgur li dak il-hin ma kienetx kwantita' li ser juza ghalih barra mid-dar tieghu, kien hemm ic-cirkostanzi li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu fid- dawl tal-gurisprudenza minnha citata.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Nezrin Grixti) Vs Marius Magri</u>'**[15] ġie kkunsidrat li:

***'Il-Prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti jsostnu li mill-fatt li d-droga nstabet maqsuma ( apparti l-bicca' z-zghira) b' erba bicciet li l-average weight taghhom kienet ta' 25 gramma il bicca, piz li ma jvarjax hafna mill-piz attwali taghhom, jista' jindika li dan kien ghax id- droga kienet intiza biex tigi spaccata. Id-difiza ghall- kuntrarju targumenta li bil-fatt li dawn l-erba bicciet mhumiex tal-istess piz, wiehed ghandu jifhem li ma kienux intizi ghall-ispacc ghax kieku wiehed kien jara li l-piz ikun kemm jista' jkun uniformi w mhux ivarja kif ivarja f' dal-kaz. Dan l-argument ghandu certa validita'.***

***Umbaghad hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien ta' xi mizien, ismijiet, numri tat-telefon, eccetra, li jistghu jindikaw kuntatti ma klienti tal-ispaccatur.***

***Id-difiza targumenta ukoll li fl-assenza ta' xi prova mill-prosekuzzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija biss ghax l-appellant fil-versjonijiet li ta kemm waqt li qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif ukoll meta xehed kien inkonsistenti. Issa hu minnu li l-appellant ftit li***

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Awwissu, 2005 (Appell Kriminali Numru: 116/2005)
[15] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005 (Appell Kriminali numru: 26/2005)

*xejn kien konsistenti u kredibbli fil-versjoni li ta dwar il-provenzjenza tad-droga u dwar kif id-droga giet biex inqasmet f' bicciet. Dan ghaliex jaghti spjegazzjonijiet differenti kemm ta' cirkostanza kemm tal-ohra. Id-difiza pero' targumenta li dan wahdu ma jistax jirrendih hati tal-akkuza kif dedotta.*

*Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fuq aggravju simili fl-Appell Kriminali "Il-*Pulizija vs. Brian Caruana*" fuq citat, "din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt fondata kieku l-Ewwel Qorti bbazat biss il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-inattendibilita' tal- versjonijiet differenti w improbabbli moghtija mill- appellant. Imma "in all fairness" ghall-Ewwel Qorti, l- argument tal-inattendibilita' ma ngabx fil-kuntest ta' prova mill-Ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill-Qorti biex tiskarta d-diversi spjegazzjonijiet li ta ghall- akkwist tad-droga w dana b' mod li giet imminata l- kredibilita' tieghu meta sostna li d-droga kienet ghall- uzu tieghu. L-Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax mhux qed temmnu. Qalet invece li hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall- konkluzzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w li c-cahda ta' dan mill-appellant ma kienetx attendibbli w ergo ma kienetx qed tatiha l-piz li xtaq li tinghata l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl- aggravji tieghu fir-rikors tal-appell. Anki hawn din il- Qorti ma ssib xejn x' ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti."*

*Dan jidher li hu applikabbli anki ghal dan il-kaz, ghax l-Ewwel Qorti ma sabitx htija biss minnhabba din l- inkonsistenza, imma qieset diversi cirkostanzi ohra bhal ma huma l-kwantita' tad-droga misjuba, il-mod kif kienet maqsuma, w l-fatt li l-appellant gie kontradett ukoll mill-Ispettur Sandro Gatt.*

*Din il-Qorti pero' xorta wahda, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w fil-waqt li, bhall- Ewwel Qorti, ma thossx li*

***ghandha taghti affidament lill-versjonijiet moghtija mill-appellant kemm dwar il- provenzjenza tad-droga kif ukoll il-mod kif giet biex inqasmet f' bicciet u min qasamha, mill-banda l-ohra ma thossx li semplicement biss mill-kwantita' elevata u esebita w kif id-droga instabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. F' dan il-kaz din il-Qorti ghad ghandha dak il-*** *"lurking doubt"* ***li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.***

*Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal- appellant dwar li ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw bla ebda dubju dettat mir-raguni li d-droga ma kienetx ghall- uzu esklussiv tal-appellant.'*

**<u>Ikkunsidrat</u>**;

Illi dwar l-oneru tal-prova meħtieġa sabiex tirnexxi imputazzjoni ta' pussess aggravat, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Norbert Ciappara) vs Jeffrey Sammut</u>**[16] fejn kien ġie kkunsidrat li:

***'Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda l-oneru tal- prova, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal- appellant li hija w tibqa' dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni jew bi provi diretti jew bi provi indizjarji li l-pussess tad- droga jkun taht cirkostanzi tali li jindikaw li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat. Pero' "in all fairness" l-Ewwel Qorti ma marritx kontra dan il-principju f' dak li qalet. Di fatti l-Ewwel Qorti ma qalitx dak li jinghid fir-rikors tal-appell u cioe' "li l-akkuzat ma rmexxilux jipprova li d-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu". Li qalet l-Ewwel Qorti, wara li ccitat diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex tipprova tislet xi kriterji li ghandhom iservu ta' gwida lil Qrati biex ikunu jistghu jiddistingwu bejn pussess semplici w pussess aggravat, kien testwalment dan :- "Din***

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Settembru, 2005 (Appell Kriminali Numru: 167/2005)

***il-Qorti hi tal- fehma li l-imputat ma ppruvax id-difiza tieghu fuq bazi ta' probabbilta'." U ziedet tghid : "Din il-Qorti qed tqis li l-ammont ta' droga, l-ammont ta' qratas (ghoxrin) it- tqassim matematiku preciz taghhom u s-sejba ta' aktar qratas vojta fil-karozza u ta' erbghin lira Maltiija f' idejn l-imputat, meta dan lanqas kellu job tajjeb jew li jassigura dhul ragonevoli, u li l-flus instabu meta l- imputat kien ghadu kif nefaq somma konsiderevoli l- jum ta' qabel, jammontaw ghal cirkostanzi ta' pussess aggravat."***

*F' dan kollu l-Ewwel Qorti kienet qed tghid li meta l- Prosekuzzjoni ppruvat dawn ic-cirkostanzi kollha, hija kienet sodisfatta sal-grad ta' prova li trid il-ligi li kien gie pruvat li l-pussess ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Umbaghad qalet ukoll li, wara li ezaminat il-linja difensjonali w l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellant ghal dawk ic-cirkostanzi, l-appellant ma ssodisfahiex lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan l-Ewwel Qorti kellha dritt tghidu kif qalitu w ma hemm ebda spropozitu legali jew inversjoni tal-prova la esplicita w lanqas implicita f' dak li qalet.* '

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Ernest Briffa'</u>**[17]:

*'Rigward il-flus li kellu fuqu l-appellant u li l-ewwel Qorti awtorizzatu li jirriprendi, evidentement l-ewwel Qorti emmnet li l-flus, jew almenu parti sostanzjali minnhom, kien tahomlu missier l-appellant ghall-iskop imsemmi kemm mill-appellant kif ukoll minn missieru. Logikament ukoll, ladarba l-appellant kien ghadu kemm hareg mid-dar fejn kien qieghed taht osservazzjoni, huwa ma kien ikkonsenja droga lil hadd u ghalhekk ma kienx ircieva flus.*

*Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac- cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl- Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

***"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri'[18],***

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 277/2010)
[18] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005

***dawn il-kazijiet mhux l- ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill- prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal- pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"[19]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"[20] )*** (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati fin-noti f'qiegħ tal-paġna)

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li '*Fil-fehma tal-Qorti, ammont ta' 9.92 grammi huwa ammont sinjifikanti u certament li m'huwiex tali li wiehed normalment jassocjah ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur. Ghalhekk f'dan il-kaz, ai termini tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kien jispetta lill-imputat li juri, imqar sal-grad tal-probabbli, illi dak l- ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu. Madankollu, kull ma jirrizulta fl-atti f'dan ir-rigward, hija x-xhieda tal-imputat illi jghid li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jaghmel uzu mill-eroina, li kien qieghed taht house arrest u li allura minhabba r-restrizzjonijiet li kien assoggettat ghalihom, huwa kien jixtri l-eroina f'piz ta' ghaxar grammi f'daqqa ghall-uzu personali tieghu. Issa apparti illi ghalkemm l- imputat kien fid-dar jew fil-bieb tad-dar tieghu, id-droga kollha nstabet fuq il- persuna tieghu f'zewg boroz separati, bid-droga f'kull borza f'ammonti tassew simili, ghajr ghax-xhieda tieghu, m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi l-imputat kien dipendenti jew li kien jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi li kieku l-imputat kien jehtieglu jakkwista ammont ta' ghaxar grammi eroina sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu, dan ikun ifisser illi l-imputat kellu vizzju sostanzjali ta' droga, izda effettivament fix-xhieda tieghu, la jghid kemm kien ilu juza droga eroina, la jghid kemm*

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Awissu, 1998
[20] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999.

*kien juza droga kuljum jew kemm kien jixtri ta' sikwit, u lanqas jghid kemm kien iservih ammont ta' ghaxar grammi u kull kemm allura kien jehtieglu johrog mid-dar sabiex jixtri d-droga. Effettivament, lanqas ma jressaq prova li fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jinsab taht house arrest. Jghid biss u sempliciment li dak iz-zmien, huwa kien juza l- eroina u dan sabiex jiggustifika s-sejba ta' ammont sinjifikanti ta' droga fil-pussess tieghu. Fl-atti madankollu, ghajr ghal din ix-xhieda, m'hemm l-ebda indikazzjoni ckejkna kemm hi ckejkna dwar dan, lanqas mill-fedina penali aggornata tieghu, li wkoll ma tinkludi l-ebda kundanna dwar pussess tad-droga eroina jew tal-inqas pussess semplici ta' xi droga ohra. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat ha l- pedana tax-xhieda biex jghid sempliciment u xejn izjed illi dak iz-zmien huwa kien juza l-eroina u li kien taht house arrest, ikkunsidrat mill-banda l-ohra, l-ammont ta' droga li nstab fil-pussess tieghu u l-mod kif dan l-ammont kien maqsum, ma jurix sal-grad tal-probabbli, illi tali ammont kien intiz esklussivament ghall-uzu personali tieghu.'*

Jirrizulta u dan minghajr tlaqliq li fiz-zmien meta l-imputat instab fil-pussess tad-droga kokaina u cioe fis-sena 2012 dan kien ghaddej minn perijodu turbulanti f'hajtu kif del resto stqarr u kkonferma Dr Joseph Spiteri. Jirrizulta li dak iz-zmien kif anke stqarr u kkonferma l-ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li l-imputat kien jikkonsma d-droga Kokaina b'mod regolari u li jizid id-doza fil-weekends. Dan ma hux kontestat. Jirrizulta li anke fis-sena 2012 kien instab hati tar-reat ta' pussess tad-droga Kokaina kif jirrizulta minn qari tal-fedina penali tieghu. Jirrizulta li dakinhar tas-search fuq il-persuna tieghu instab 11.39 grammi ta' Kokaina bi purita ta' 33% u li kellu s-somma ta' mitt euro (€100) fi flus kontanti li ukoll gew elevati mill-pulizija. Ghalhekk sta ghal qorti f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tara jekk taqbilx mal-ewwel qorti li l-fatt li l-imputat instab fil-pusess ta' 11.39 grammi Kokaina fil-Club tal-Bocci wahdu jammontax ghar-reat ta' pusess aggravat kif kkonkludiet l-ewwel qorti. Allegatament dakinhar fit-toilet tal-Club instabu xi kantunieri vojta liema boroz ma gewx esaminati u lanqas identifikati u ghalhekk ma jistax jinghad li dawn huma b'xi mod marbuta mal-pusess li kellu l-imputat.

Fir-rigward tar-reat ta pusess aggravat kif imfisse fis-sentenza fl-**ismijiet il-Pulizija vs Jason Mallia** [21] gie rilevat li: -

> *"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe' li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Carmel Degiorgio**[22] inghad li: -

> *'F'kaz ta' pussess ta' droga f'cirkostanzi tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' persuna, il-posizzjoni legali hija cara; il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu millprosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed"*

Illi fil-kaz in desaima jirrizulta li l-appellant kien drug addict fiz-zmien meta nstab fil-pusess tad-droga Kokaina tant li fil-5 ta' Lulju 2013 instab hati talli fis-26 ta' Gunju 2012 kien fil-pussess tad-droga Kokaina. Jirrizulta li fuq il-persuna tieghu instabet somma irrizorja ta' flus u cioe is-somma ta' mitt euro (€100). Li d-droga kienet fi tlett pakketti zghar u pakkett ikbar u li ghalhekk ma kientix maqsuma f'sachets ta l-istess

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta Settembru, 1999
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Awwissu 1998

daqs. Li d-droga li instabet ghandu kient l-istess tip ta' droga li kien jabbuza minnha hu. Ghalheklk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti ma hiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

<u>Ghal dawn il-motivi:</u>

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza u cioe ta' pussess tad-droga Kokaina f'cirkostanzi li juru li ma kientix ghall-uzu esklussiv tieghu u minn dak l-aggravju tilliberah u minflok issibu hati ta' pussess semplici biss, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u ghal multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) u minflok, a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446, tordna li l-imsemmi Enrico Camilleri jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet snin mil-llum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol ghal mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonjiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa. Din l-ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem li jiftiehem sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali. Fir-rigward tal-kumplament tas-sentenza tikkonfermaha fejn ma sabitux hati tal-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuza.

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita bhala 28ocument JF1 w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.</u>**

**B'zieda din il-Qorti qed tikkonferma l-Ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex l-imputat illum appellant ihallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-espert tad-Drogi**

**Dr Godwin Sammut u dan fi zmien xaghrejn minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-Qorti Kriminali.**

**Tordna ghalhekk li kopja ta' dan is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor tali spejjez.**

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Maria Grech

Deputat Registratur